**Mara qalbiena**

Niftakrek qalbiena tissara mal-mard
B'dik qalbek kbira, ridt tfiq ħa tgħix magħna,
Il-ħajja għalik ma kinitx għajr ix-xewk
Li kiber miegħek għalkemm qed tistgħana.

Stagħana, stagħana fis-sema, għax dik artek
Hawn fl-art, qalb dan id-dmugħ, inti batejt wisq,
Hija talbi għalik għażiża oħti
Li fejn qiegħdha, fl-aħħar int sibt dak ir-risq.

Li ġej mill-għaqda vera, bla tmiem m'Alla
Li jisma' għax ġust u bil-qabda ħanin,
L-għajta fgata ta' min fuq il-kalvarju
Li diskorsu ma jsirx għajr biki w tħannin.

Madankollu, anki fl-eqqel waqt tiegħek
Xorta waħda għalina bqajt ir-rigal,
Madwarek bqajt ixxerred dik it-tama
Li tibqa' soda fir-riħ ġej mill-Grigal.

Aktar ma' dar-riħ nefaħ b'saħħtu kollha
Int aktar ġejt akkanita għall-ħajja,
Ridt tagħti tweġiba soda u ċara
Bqajt tgħix bit-tama tiegħek f'dawk it-tlajja.

Wara dil-ġlieda li kellek fuq saħħtek
Issa qed tistrieħ fis-Saltna tas-Smewwiet,
Qed naraha terġa' titfaċċa fuq wiċċek
It-tbissima sabiħa kollha ħlewwiet.

U mis-sema tieqafx titlob għalina
Hawn isfel ilkoll kemm aħna fi bżonn kbir,
Interċedi għalina quddiem Kristu
Ħalli r-rieda ta' Alla f'ħajjitna ssir.

Insellimlek mara tassew tal-għaġeb
Li għalkemm hekk mgħobbija u għajjiena,
Bqajt tissielet sal-aħħar biex tgħix u tgħix
B'dik il-fidi tiegħek, mara qalbiena.

Patri Mario Attard OFM Cap
18 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.